**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA` GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. AUDREY DEMICOLI LL.D.**

**Illum 12 ta' Gunju, 2020**

**Il-PULIZIJA**

**(Spettur Jonathan Ferris)**

**Vs**

**Francis Cassar**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront ta' Francis Cassar detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 515465M akkuzat talli f' Lulju 2014 u fix-xhur u snin ta' qabel, f' dawn il-Gzejjer, b' diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li kisru l-istess dispozizzjonijiet tal-Ligi li gew maghmula b' rizoluzzjoni wahda:

1. Ircieva minghand xi haddiehor jew kiseb minghand xi haddiehor xi weghda li nghatat lilu jew lil ohrajn b' korrispettiv ghal xi self, imghaxxijiet, jew qliegh iehor that liema ghamla ikun b' eccess minn dak li kien permess bil-ligi;
2. Talli bl-imgieba tieghu, ikkaguna lil Joseph Attard biza' li ser tintuza vjolenza kontrih jew kontra l-proprjeta' tieghu jew kontra l-persuna jew il-proprjeta' ta' xi hadd mill-axxendenti, dixxendenti, ahwa subien jew bniet jew xi persuna ohra msemmija fl-Artikolu 222(1) (a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
3. Talli garr il-barra minn xi fond jew id-dintorni tieghu xi sikkina jew Strument li jaqta' jew bil-ponta ta' liema xorta jkun minghajr ma kellu licenzja jew permess minghand il-Kummissarju;
4. U aktar talli minghajr licenzja moghtija mill-Awtorita' kompetenti ghamel kummerc ta' Istituzzjoni Finanzjarja f' Malta jew minn Malta u cioe' sellef flus lil diversi nies u dan bi ksur tal-artiklu 3 tal-Kap 376 tal-Ligijiet ta' Malta;
5. U aktar talli sar recidiv ai termini tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, b' diversi sentenzi, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula
6. U aktar talli kellu fil-pussess tieghu jew ghamel uzu kien x' kien mid-dokument tal-identita' ta' Joseph Falzon ID 478761(M)

Il-Qorti giet mitluba sabiex tapplika d-dispozizzjonijiet tal-Artikoli 5 ta' l-Att kontra l-Money Laundering, Kapitolu 373 tal-Ligijiet ta' Malta, kif ukoll l-Artikolu 23A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u f' kaz ta' htija, tapplika ukoll il-provvediment tal-Artikolu 23B tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba sabiex f' kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzat ghall-hlas ta' spejjez li jkollhom x' jaqsmu mal-hatra tal-esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment u d-dokumenti esebiti, inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 22 ta' Lulju, 2014 (esebit a fol. 17 tal-process) sabiex dawn il-proceduri jigu trattati bi procedura sommarja u decizi minn din il-Qorti.

Semghat il-provi.

Semghat it-trattazzjoni finali maghmula mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiza.

Ikkunsidrat:

Illi l-fattispeci tal-kaz odjern jirrigwardaw allegazzjonijiet ta' self b' uzura maghmula mill-imputat fil-konfronti ta' Joseph Attard u persuni ohra.

Illi fl-udjenza tal-10 t' Ottubru 2014 xehed l-Ispettur Jonathan Ferris (a fol 39 sa 57 tal-atti processwali) li spjega kif f' Lulju 2014 Joseph Attard, Kuntistabbli fil-Korp tal-Pulizija rrapporta li l-imputat kien selfu flus u talbu imghaxx bl-uzura[1]. Originarjament Attard kien issellef €25,500. Sussegwentement fis-16 ta' Lulju 2014 waqt inkontru ma' Joseph Attard

[1] PIERS 3/E/2181/2014

l-imputat twaqqaf waqt li kien jinsab fil-vettura tieghu flimkien ma' mara bl-isem ta' Carmela Farrugia. Mill-vettura giet elevata fost affarijiet ohra flick knife. F' idejn Carmela Farrugia nstabu zewg karti forma ta' rcevuti[2] li kellhom jinghataw lil Joseph Attard hekk kif kien ser jghaddi pagament dakinhar. Minn tfittxija li saret fir-residenza tal-imputat gie elevat file (Dok. JF3 a fol 58 tal-atti processwali) b' lista ta' debituri tal-imputat u l-ammonti li kellhom ihallsuh. Waqt l-investigazzjoni rrizulta li l-imputat kellu biss passiv fil-kontijiet bankarji tieghu.

Illi fl-udjenza tal-1 ta' Jannar 2015 xehed Joseph Falzon (a fol 65 sa 72 tal-atti processwali) li sostna li huwa kien impjegat mal-imputat ghal hames xhur u li l-imputat kien qed jallega li Joseph Falzon kellu jaghtih circa €13,000 rapprezentanti multi u xoghol mitluf minkejja li l-imputat qatt ma ghaddielu citazzjonijiet u x-xhud kien jinfurmah minn qabel meta ma setghax jattendi ghax-xoghol. Rigward self, Joseph Falzon kien talab lill-imputat €1,000 izda l-imputat tah €800 ghaliex b'€200 kellhom jithallsu l-ispejjez notarili minkejja li l-partijiet qatt ma marru ghand Nutar. Wara li nghata s-self Joseph Falzon sar jaf li lill-imputat kellu jaghtih €3,000 ghaliex l-imputat kien issellifhom minghand haddiehor u kien hemm l-imghaxxijiet. Ix-xhud jghid li l-imputat beda jheddu u huwa ghamel rapport mal-Pulizija. Huwa spjega li kien effetwa diversi pagamenti, sitt pagamenti ta' €50 u pagamenti ohra ta' €350 u €400 fejn l-imputat qatt ma tah ircevuta. Dejjem skond ix-xhud l-imputat kien mar ma' xi persuni ohra fuq il-post tax-xoghol tieghu sabiex jigbor il-flus u erbat ijiem wara l-imputat talbu sabiex itih €1,500. Qabel ma sar ir-rapport l-imputat kien qallu li jekk ma kienx ser ihallsu kellu jikkonsenjalu l-karta tal-identita u l-licenzja tas-sewqan. Ix-xhud bezgha u tah id-

[2] Dok. JF4 a fol 59 tal-atti processwali

dokumenti mitluba liema dokumenti gew ritornati lura lil Joseph Falzon mill-Pulizija. In kontro-ezami fl-udjenza tal-10 ta' Novembru 2017 Falzon xehed (a fol 385 sa 392 tal-atti processwali) li f' zewg okkazzjonijiet kien ha xi €200 mill-flus tac-cippa tal-karozza tal-linja izda l-imputat kien qataghhom mill-paga ta' Joseph Falzon. Ix-xhud kien xtara wkoll vettura Porski minghand l-imputat u kien laqtilha l-mudguard izda l-ispejjez ghat-tiswijiet l-imputat kien naqqashom ukoll mill-paga. L-imputat qed isostni li x-xhud ghandu jaghtih €9,000 f'multi u hemm dizgwit fuq l-ammont dovut lill-imputat. Fi Frar 2014 Joseph Falzon iffirma skrittura fir-rigward tac-cippa, il-hsarat tal-karozza u l-multi izda huwa jispjega li ffirma sforz il-biza li kellu mill-imputat peress li dan kien heddu f' aktar minn okkazzjoni wahda.

Illi fl-istess udjenza xehed Joseph Spiteri (a fol 73 sa 82 tal-atti processwali) fejn qal li l-imputat kien selfu €3,000 minghajr imghax li kellhom jithallsu f' pagamenti mensili ta' €200. Xahar wara l-imputat selfu €1,500 ohra b' interessi ta' 100% u qallu li l-pagamenti mensili saru €400 minn €200. L-imputat kien ikkalkula li x-xhud kellu jaghtih €6,000. Joseph Spiteri jghid li huwa b' kollox hallas lill-imputat €4,700 u l-imputat qallu sabiex ma jhallas xejn aktar ghaliex kienu hbieb. Joseph Spiteri rega' xehed fl-udjenza tas-26 ta' Gunju 2015 (a fol 123 sa 132 tal-atti processwali) fejn spjega li f' Mejju l-imputat kien tah ukoll is-somma ta' €2,000 u pretenda €3,000 li kellhom jithallsu mensilment f' pagamenti ta' €200. B' kollox Joseph Spiteri issellef minghand l-imputat €3,500. Joseph Spiteri hejja rendikont tal-pagamenti versati (Dok JS1 a fol 122 tal-atti processwali). L-imputat istitwixxa proceduri civili fil-konfront tax-xhud fit-Tribunal Ghal Talbiet Zghar. In kontro-ezami fl-udjenza tat-28 ta' Settembru 2017 xehed (a fol 377 sa 391 tal-atti processwali) li fuq

id-dejn li ghandu mal-imputat hemm kawza civili. Il-familja tal-partner tieghu kellhom garaxx kbir li kienu tawh lill-imputat bhala pjacir u qatt ma hadulu flus. Ikkonferma li l-imputat l-ewwel darba kien selfu €2,000 fil-garaxx ta' certu Konsu fil-15 ta' Mejju 2013 u x-xhud kiteb li kellu jaghtih €3,000. Mat-tieni self l-imputat zamm €400 imghax hekk kif tah il-flus.

Illi fl-udjenza tas-27 ta' Frar 2015 xehed Joseph Attard (a fol 84 sa 97 tal-atti processwali) li spjega li minn Mejju 2012 huwa iddejjen diversi drabi minghand l-imputat u b' kollox kienet telghat somma ta' €40,000. Fil-bidu s-somma kienet ta' €25,000 u bdiet tiela bl-interessi. L-imputat kien jghidlu li l-flus kien igibhom minghand terzi fosthom certu Konsu u Franco. Skritturi kien hemm biss ta' certu Konsu u gieli saru xi karti tas-self minghand l-imputat izda ma kinitx titnizzel ir-raguni tas-self. Sussegwentement saret skrittura ghand in-Nutar Joseph Debono permezz ta' liema Joseph Attard u martu ddikjaraw li huma debituri tal-imputat fl-ammont ta' €73,500 izda dan l-ammont kien aktar minn dak misluf. Attard xehed li huwa hallas bejn €29,000 u €32,000 lill-imputat u kien ihallashom f'pagamenti ta' €1,500 fix-xahar izda f' okkazzjonijiet minnhom kien hallas €2,000. Attard jghid li l-imputat ma kienx jaghtih ricevuta ghajr ghal darba. Xehed li kien ghamel rapport l-Ghassa ta' Hal-Luqa ghaliex l-imputat kien hedded lilu u lill-familjari tieghu u mar fir-residenza tieghu ukoll. L-imputat kien icempillu kemm -il darba u kien jheddu fuq it-telefon. Sa dakinhar tax-xhieda ma ttiehdu l-ebda proceduri kriminali fil-konfront tal-imputat dwar dan ir-rapport. In kwantu ghall-vettura Peugeot 137, ix-xhud jghid li poggiha bhala garanzija u gab €2,000 taghha li ghaddihom lill-imputat. Huwa spjega li meta l-pagamenti kien jittardjaw bi ftit jiem, l-ammont dovut kien jizdied. Fl-

udjenza tas-6 ta' Novembru 2015 Joseph Attard xehed (a fol 146 sa 154 tal-atti processwali) dwar skrittura datata 5 ta' Mejju 2012 fejn Joseph Attard ikkommetta ruhu li jhallas pagamenti mensili ta' €1,075. Is-self kien ta' €8,075 u nghatat minghand certu Konsilju u l-imputat kien ghamel tajjeb ghalih permezz tal-vettura DBU 341 tal-ghamla KIA Sedona Glass Van. Ix-xhud prezenta wkoll running balance (Dok. RG1 u RG2 a fol 155 u 156 tal-atti processwali), skrittura li saret quddiem in-Nutar Joseph Debono (Dok. RG3 a fol 157 tal-atti processwali), skrittura ffirmata minn Consiglio Abela flimkien ma' kopja tal-log book tal-vettura DBU 341 (Dok. RG4 a fol 160 sa 163 tal-atti processwali), messaggi mibghuta mill-imputat (Dok. RG5 a fol 164 sa 186 tal-atti processwali), ircevuta datata 25 ta' Gunju 2014 (Dok. RG6 a fol 187 tal-atti processwali) u rcevuti tal-pagamenti li saru wara li nbeda l-kaz (Dok. RG6 a fol 188 sa 190 tal-atti processwali).

Illi fl-udjenza tat-23 ta' April 2015 xehed Joseph Caruana in rapprezentanza tal-Bank of Valletta p.l.c (a fol 100 sa 102 tal-atti processwali) li kkonferma li l-imputat ghandu sitt kontijiet. Kont wiehed fih attiv ta' €145.61 filwaqt li l-hames kontijiet l-ohra fihom passiv ta' €15,497.78 (business loan), €10,866.97 (business loan), €3,429.55 (business loan) u €9.581.81 (credit card loan) u €2,639.49 (consumer loan)[3].

Illi fl-istess udjenza xehed Daniel Attard in rapprezentanza tal-Malta Financial Services Authority (a fol 115 u 116 tal-atti processwali) li

[3] Statements of account jinsabu esebiti bhala Dok. JC1 a fol 103 sa 114 tal-atti processwali

kkonferma li l-imputat m' ghandu l-ebda licenzja sabiex jopera istituzzjoni finanzjarja.

Illi fl-udjenza tas-26 ta' Gunju 2016 Lawrence Attard xehed (a fol 129 sa 132 tal-atti processwali) li l-imputat kien gar tieghu. L-imputat kien introducieh ma' Joseph Attard ghaliex dan tal-ahhar kellu bzonn jissellef €5,500. Lawrence Attard tah €3,500 li gab minghand terza persuna u l-€2,000 kien harighom l-imputat. Dan Attard sostna li sad-data tax-xhieda tieghu Joseph Attard kien hallsu biss €200.

Illi fl-udjenza tas-6 ta' Novembru 2015 Consiglio Abela xehed (a fol 191 sa 209 tal-atti processwali) fejn qal li huwa kien iltaqa ma' Joseph Attard fl-appartament tal-imputat u kien beda jitolbu l-flus izda ma tah xejn. Meta darba minnhom kien qieghed ghand l-imputat, Joseph Attard talab lill-imputat €46,000 sabiex jixtri vann tal-iskola u l-imputat qallu sabiex imorru jarawh. Ix-xhud kien ta' lill-imputat €8,000 bi tpartit ma' xoghol ta' kisi u xoghol simili li l-imputat ghamel fi blokka appartament ta' Consiglio Abela. Ix-xhud ikkonferma l-firma tieghu fuq id-dokument RG4 u kkonferma li ffirma ghaliex kien ta' €8,000 lill-imputat sabiex ikun jista' jehodhom lura. Cahad li lill-imputat qatt tah flus. Dwar il-vettura, x-xhud cahad li qatt zamm vetturi ghandu u xehed li l-iskrittura kien tahielu l-imputat. L-imputat kien tah zewg karti ohra u gieli ma kien ikun hemm miktub xejn fuqhom izda kien jiffirmahom xorta. Cahad li qatt ra d-dokument RG4 izda rega' kkonferma l-firma tieghu fuqu. In kontro-ezami fl-udjenza tal-25 ta' Mejju 2017 xehed (a fol 351 sa 362 tal-atti processwali) li ma rax lill-imputat jghaddi is-€46,000 lil Joseph Attard u lanqas mar maghhom ghand in-Nutar. Meta l-imputat biddel ir-

residenza, ix-xhud kien jinsab ghand l-imputat u kien hemm ukoll Joseph Attard li kien talbu €12,000. L-imputat infurmah li l-ghada kellhom imorru ghand in-Nutar sabiex jaghtih kollox. Ix-xhud qal gieli ra lil Joseph Attard b' minibus izda ma jafx jekk kienx propjeta' tieghu.

Illi fl-udjenza tat-8 ta' Jannar 2016 xehed Simon Cassar (a fol 216 sa 220 tal-atti processwali) li qal l-imputat jigi z-ziju tieghu. Huwa spjega li kien sellef €500 lil Joseph Attard u €12,000 lill-imputat sabiex jixtri gabbana. Joseph Attard kien qata' l-bilanc kollu filwaqt li l-imputat fadallu bilanc ta' €7,000. Fl-udjenza tas-6 t' April 2017 in kontro-ezami Cassar xehed (a fol 336 sa 340 tal-atti processwali) li l-flus silifhom lill-imputat bejn l-2014 u l-2015.

Illi fl-udjenza tas-17 ta' Marzu 2016 Carmen Farrugia xehdet (a fol 232 sa 242 tal-atti processwali) li hija kienet il-partner tal-imputat ghal sentejn. Hi kienet taghmel l-ircevuti tal-pagamenti ghaliex l-imputat ma kienx jaf jikteb. Kif spiccat ir-relazzjoni taghhom, l-imputat kien baghtilha sabiex thallsu €800 ta' bouncing castle li kien inxtara €600. Din ix-xhud tghid li l-imputat kien isellef flus lil diversi persuni fosthom lil Joseph Spiteri u persuna ohra miz-Zejtun. In kontro-ezami fl-udjenza tal-25 ta' Mejju 2017 xehdet (a fol 363 sa 370 tal-atti processwali) li l-imputat ma kienx jaf jikteb izda wara li spiccaw ir-relazzjoni taghhom kien jibaghtilha xi ittri. Il-messaggi ta' Joseph Attard kienet tiktibhom hi. Ikkonfermat li dakinhar li waqqfuhom il-Pulizija hdejn l-SGS hija kienet fil-vettura mal-imputat. Farrugia qalet ukoll li l-imputat qatt ma hedded lil Joseph Attard fil-prezenza taghha u li wara li spiccaw ir-relazzjoni ta'

bejniethom l-imputat kien baghtilha wkoll li kellha ttih €1,000 meta kienet issellfet biss €300.

Illi fl-istess udjenza xehdet Fransina Attard (a fol 262 sa 265 tal-atti processwali) li hija l-mara ta' Joseph Attard fejn din Ikkonfermat li l-imputat kien imur ihabbat id-dar taghhom sabiex jigbor il-flus, circa €80,000 minghand ir-ragel taghha. Ix-xhud spjegat li hija kienet ghamlet rapport flimkien mar-ragel taghha fil-konfront tal-imputat l-Ghassa ta' Hal-Luqa ghaliex dak iz-zmien l-imputat kien irrabjat ghaliex ried il-flus u kien joqghod jghajjat wara l-bieb u kienu jibzghu jifthu l-bieb. In kontro-ezami fl-udjenza tas-6 ta' April 2017 xehdet (a fol 341 sa 349 tal-atti processwali) Fransina Attard fejn qalet li Joseph Attard kellu diversi debituri u kien jissellef il-flus sabiex ihallas dejn iehor u li l-imputat qatt ma heddidha jew hebb ghaliha.

Illi fl-udjenza tas-16 ta' Novembru 2018 xehed in-Nutar Joseph Debono (a fol 449 sa 451 tal-atti processwali) li prezenta l-iskrittura privata datata 30 ta' Dicembru 2013 (Dok. JD1 a fol 452 tal-atti processwali) u kkonferma li l-partijiet marru ghandu minn jeddhom.

Illi fl-udjenza tal-10 ta' Mejju 2019 xehed l-Avukat Dr John Vassallo (a fol 466 sa 470 tal-atti processwali) li qal li bejn l-2014 u l-2015 huwa kien ghamel skrittura ta' lokazzjoni ghall-imputat u kien ukoll baghat xi ittri legali ghan-nom tieghu lil Joseph u Fransina Attard u kkonferma li l-ittri mmarkati bhala Dok. GD1 sa GD5 gew redati minnu (a fol 472 sa 475 tal-atti processwali).

Illi fl-udjenza tal-4 ta' Ottubru 2019 l-Avukat Dr Martin Fenech xehed (a fol 483 sa 486 tal-atti processwali) li fil-11 ta' Gunju 2018 kien gie inkarigat mill-imputat sabiex jikteb ittra lil Joseph u Fransina Attard (Dok. MF1 a fol 487 tal-atti processwali) fejn gew interpellati jhallsu s-somma ta' €57,666.

Illi fl-udjenza tal-4 t' Ottubru 2019 xehed Emanuel Zarb (a fol 491 sa 494 tal-atti processwali) li huwa ghandu l-kumpanija Zarb Coaches. Ikkonferma li Joseph Falzon kien xufier mal-kumpanija. Il-kumpanija kienet giet infurmata li Joseph Falzon kellu jaghti xi flus lill-imputat, kienet saret l-skrittura mmarkata bhala Dok EZ1 (a fol 495 tal-atti processwali) u l-kumpanija bdiet tghaddi mensilment €100 lill-imputat mill-paga ta' Joseph Falzon. Meta Joseph Falzon waqaf mix-xoghol waqfu l-pagamenti. Rendikont tal-pagamenti jinsab esebit a fol 496 tal-atti processwali.

Illi fl-4 ta' Ottubru 2019 Ismeria Vella xehdet (a fol 497 sa 499 tal-atti processwali) li fl-2016 kellha relazzjoni ma' Joseph Attard li kien jissellef minghand diversi persuni. Joseph Attard kien qalilha li l-imputat kellu jaghtih xi flus u kien ghenu.

Illi fl-istess udjenza xehed Anthony Galea (a fol 500 sa 502 tal-atti processwali) li spjega li huwa kien kera hanut lil Joseph Attard fi Frar 2014 u dan tal-ahhar kien ghamel xahrejn fih izda mbaghad ma bediex

ihallas il-kera u ma riedx jizgombra mill-hanut. Wara hafna zmien kien tah ic-cwievet lura.

Illi fl-udjenza tas-7 ta' Novembru 2019 PC 367 Michael Sacco xehed (a fol 511 sa 514 tal-atti processwali) li fit-23 ta' Gunju 2014 kien hemm argument fi Triq Patri Indri Schembri Hal Luqa. Huwa mar fuq il-post u sab lill-imputat. Il-koppja Attard kienet fil-gallarija jew tieqa tat-tielet sular u kkonfermaw li huma kienu debituri tal-imputat u li hemm skrittura tirregola s-self. L-imputat kien jinsab hemm sabiex jigbor flusu u ma nhargux akkuzi stante li ma kienx hemm raguni.

Illi fl-udjenza tas-7 ta' Novembru 2019 xehdet l-Ispettur Justine Grech (a fol 515 sa 516 tal-atti processwali) li esebit ir-rapport numru 3E2181/2014 datat 23 ta' Gunju 2014 (Dok. JG1 a fol 518 sa 521 tal-atti processwali) li kkonfermat li ma kinux inhargu akkuzi stante li ntalbet biss assistenza.

Illi permezz ta' nota, l-imputat prezenta kopja legali ta' ittra ufficjali ezekuttiva mibghuta lil Joseph Attard u Fransina Attard ai termini tal-Artikolu 166A tal-Kap. 12 prezentata fit-30 ta' Lulju 2019 u notifikata fit-13 ta' Novembru 2019.

Illi fl-udjenza tas-27 ta' April 2018 l-imputat ghazel li joffri d-depozizzjoni tieghu (a fol 397 sa 421 tal-atti processwali) fejn qal li lil Joseph Falzon (recte: Attard) ilu jafu mill-2007 u kienu jiltaqghu Paceville fuq xoghol u gieli kien imur jiekol fil-hanut tal-imputat. Bejn l-2010 u l-2011 Joseph

Attard kien talbu sabiex jaghmillu tajjeb sabiex jixtri minibus li kien jiswa €46,000. L-imputat accetta izda talbu jmorru ghand Nutar. L-imputat xtara l-vann ghal Joseph Attard izda ma setghax idawru fuq ismu u dawruh fuq sid il-garaxx minghand min inxtara. L-imputat baqa jitlob lil Joseph Attard jaghmlu iskrittura izda qatt ma marru ghand Nutar. Joseph Attard dam ihallas bejn sentejn u tlett snin regolarment u kien qata' bejn wiehed u iehor €22,000. Sussegwentement Joseph Attard talbu €12,000 ghaliex qallu li martu u bintu kellhom tumur u l-imputat ghaddielu l-flus izda talbu sabiex jaghmlu l-skrittura li giet iffirmata quddiem in-Nutar Joseph Debono. Joseph Attard talbu €12,000 ohra izda l-imputat ma kellux flus ghalhekk Joseph Attard talab lin-neputi tal-imputat Simon – sabiex iselfu it-€12,000. Simon Cassar ried li l-imputat jaghmel tajjeb ghalihom minkejja li dak iz-zmien Joseph Attard kien beda jfalli xi pagamenti. Simon Cassar ghaddha l-flus lill-imputat li mbaghad ghaddihom lil Joseph Attard. L-imputat kien sellef ukoll lil Joseph Attard il-vann tieghu li nghata bhala garanzija ghal €3,000 li Joseph Attard kien ghaddha lill-imputat. L-imputat prova jiehu l-vann lura izda ntalab ihallas €4,000. Joseph Attard irritornalu l-vann lura l-ghada. L-imputat ikkonferma li Joseph Attard baqa jhallas anki wara li nbdew dawn il-proceduri. L-imputat cahad li qatt hedded lil xi hadd. Rigward interessi xehed li minghand Joseph Attard ha imghax bit-8% skont l-iskrittura tan-Nutar Joseph Debono. Sa dakinhar tax-xhieda Joseph Attard kien fadallu jaghtih bejn €50,000 u €56,000.

Fir-rigward ta' Joseph Falzon l-imputat xehed li l-ewwel darba li kien hadem mieghu kien ghal xi erba' snin, kien ghamillu xi hsara u hadlu madwar 4 jew 5 cippep li kienu jiswew Lm600 -il wahda. Sussegwentement kien telaq u wara sena rega' mar jahdem mal-

imputat. L-imputat kien hallaslu l-kera bil-quddiem tal-ewwel tlett xhur li kienet tiswa €600 fix-xahar. Joseph Falzon telaq mill-appartament u l-imputat baqa jhallas il-kera ghaliex kien hemm kuntratt ta' lokazzjoni. L-imputat selfu wkoll karozza Porski sabiex jinqeda li kienet tiswa Lm2,000. Joseph Falzon habat b' din il-vettura u ghalhekk kellu jhallas lill-imputat tal-hsarat. Joseph Falzon tella wkoll hafna multi u ma kienx jirrapporta ghax-xoghol regolarment. Joseph Falzon u l-imputat ghamlu skrittura datata 30 ta' Dicembru 2017 (Dok. FC1 a fol 423 tal-atti processwali) u saru mandati fil-konfront ta' Joseph Falzon (Dok. FC2 a fol 424 tal-atti processwali) fejn jidher li l-bilanc pendent huwa ta' madwar €12,000. Il-licenzja u l-karta tal-identita gew offruti minn Joseph Falzon bhala garanzija li kien ser jaghmel pagament. L-imputat isostni li malli Joseph Falzon ghaddielu d-dokumenti ghamillu rapport li d-dokumenti kien hadomlu l-imputat.

In kwantu ghal Joseph Spiteri l-imputat xehed li ilu jafu mill-2001. L-imputat jghid li tah €3,000 izda karti ma sarux ghaliex l-imputat kien jafdah. Joseph Spiteri iddecieda li jaghmel karta xorta wahda. Il-pagamenti bdew isiru regolarment u madwar xahrejn wara Joseph Spiteri talbu €3,000. Meta l-imputat gie mitkellem mill-Pulizija Joseph Spiteri kien ghad fadallu jhallas €1,800.

Ikkunsidrat:

L-ewwel imputazzjoni addebitata lill-imputat huwa r-reat kontemplat fl-Artikolu 298C (1) tal-Kodici Kriminali. Dan l-artiklu jghid:

> "Kull min jircevi minghand xi hadd iehor jew jikseb minghand xi hadd iehor xi weghda li jinghataw, lilu jew lil ohrajn, b' korrispettiv ghal xi self, imghaxijiet jew xi qliegh iehor taht liema ghamla jkun b' eccess minn dak li jkun permess bil-ligi, jehel meta jinsab hati, il-piena ta' prigunerija ghal zmien mhux izjed minn tmintax il-xahar u ghall hlas ta' multa…."

L-uniku element mehtieg ghal dan ir-reat ta' uzura hu li dak li jkun jikseb weghda b' korrispettiv ta' self b'imghaxijiet jew xi qliegh iehor b' eccess ta' dak permess mill-ligi.

Dan l-eccess jitkejjel fuq dak li jipprovdu l-Artikoli 1139 u 1852 tal-Kodici Civili li jipprovdu ghal rata ta' 8%. Hemm ukoll l-artikolu 1854 tal-Kodici Civili li jiddisponi li fejn ir-rata tal-imghax ma tkunx giet miftehma, l-imghax ghandu jitqies bil-5%. Ghal dan il-principju hemm xi eccezzjonijiet li bl-Att III tal-2009 gew abrogati u nkorporati f'diversi ligijiet ohra li japplikaw fil-kazijiet ta' banek u meta jinhargu bonds ghall-pubbliku fejn ikun permess li dak li jkun jintrabat ghall-hlas ta' imghax ta' aktar minn 8%, li pero' kjarament mhumiex rilevanti ghall-kaz in dizamina.

Fis-sentenza Il-Pulizija vs George Xuereb deciza fil-15 ta' Jannar 2009, li kienet titratta wkoll allegazzjoni ta' uzura, il-Qorti tal-Appell Kriminali (sede Inferjuri) ghamlet dawn l-osservazzjonijiet:

> "Issa fil-kaz in ezami din il-Qorti ghamlet ezami approfondit tal-provi traskritti fil-process u rrizultalha li hi ferm aktar verosimili l-

versjoni ta' Muscat li s-self massicc li kien qed isir kien qed jinghata versu korrispettiv u mhux gratis et amoris kif jallega l-appellant. Hadd f' sensieh ma jislef flejjes f' dawk l-ammonti lill-persuna li jkun jaf li hija midjuna serjament ma' terzi, bla ebda garanzija w minghajr korrispetiv. Ghalkemm mill-provi ma jirrizultax li tali korrispettiv kien ha l-forma ta' rata ta' imghax fiss in eccess ghal dak permess mil-ligi, jidher li dan ha forma li solitament u komunement jiehu f' kazijiet ta' self bl-uzura w cioe' fejn, meta jinghata ammont b' self dan mal-ewwel jinkiteb f'ammont doppju b'mod li jigi jidher li l-ammont misluf ikun wiehed fiss u bla ma jissemma xi imghax ghalkemm dan l-ammont ikun fittizju ghax fih ikun jinkludi kemm il-kapital li jrid jithallas lura kif ukoll il-korrispettiv eccessiv li jigi immaskrat b' dan il-mod, f' kaz li wara jinqala' l-inkwiet bejn il-mutwant u l-mutwatarju. … …

Issa f' kazijiet bhal dawn hu car u manifest li jkun hemm allura korrispettiv jew qliegh iehor b' eccess minn dak massimu ta' imghax ta' 8% permess mill-ligi. Dan ghaliex ghax b' simple interest biex b'rata ta' 8% per annum tilhaq l-ammont tal-kapital, trid mill-inqas tnax il-sena w nofs. Invece, bl-espedjent appena deskritt, tali korrispettiv isir dovut minnufih. Ergo dak li bil-ligi ma jkunx dovut qabel tnax il-sena w nofs bir-rata massima tal-imghax legali, jigi dovut u ezigibbli minnufih. Dan certament jinkwadra ruhu fl-element materjali tar-reat kif espress b' mod car fil-ligi taghna.

Lanqas hu korrett l-appellant fir-rikors tal-appell tieghu meta jissottometti li biex jissussisti dar-reat ta' uzura hemm il-bzonn ta' xi intenzjoni specifika diretta li l-mutwant ikun irid jghakkes u jisfrutta lill-mutwatarju jew li jrid jiehu vantagg mill-pozizzjoni finanzjarja mwieghra tieghu. Kull ma’ hu mehtieg hu li l-mutwant jkun konsapevoli tal-fatt li qed jislef flus versu korrispettiv, imghax jew qliegh iehor li jkun in eccess ghal dak permess mill-ligi. Evidenza ta' din l-intenzjoni tista' tigi prezunta minn atti li jkunu jindikaw li qed tinheba l-vera portata w in-natura tas-self u l-korrispettiv, bhal ma jirrizulta li kien qed isir f' dan il-kaz, bil-mod fuq deskritt. Lanqas ma hu mehtieg li jigi pruvat li jkun il-mutwant li jkun ghamel xi pressjoni fuq il-mutwatarju biex jidhol ghal dak is-self abuziv. Bizzejjed li jkun hemm l-accettazzjoni tat-tnejn.”

> Illi ghalkemm jidher li hemm konflitt bejn il-versjoni tal-fatti moghtija minn Muscat u dik tal-appellant, kif gie ritenut minn din il-Qorti fl-Appell Kriminali "Il-Pulizija vs. Joseph Thorne" deciza fid-9 ta' Lulju 2003, "mhux kull konflitt fil-provi ghandu awtomatikament iwassal ghall-liberazzjoni tal-persuna akkuzata. Imma l-Qorti, f' kaz ta' konflitt fil-provi, trid tevalwa l-provi skond il-kriterji enuncjati fl-artikolu 637 talKodici Kriminali w tasal ghall-konkluzzjoni dwar lil min trid temmen u f' hix ser temmnu jew ma temmnux."

Illi fil-kaz odjern mill-provi prodotti jirrizulta li l-imputat sellef lil Joseph Attard u Joseph Spiteri. Mill-file ahdar li l-imputat ghaddha lill-Ispettur Ferris jidher l-imputat kien sellef lil diversi persuni ohra, li izda ma xehdux f' dawn il-proceduri. Fir-rigward ta' Joseph Falzon, dan ukoll allega li l-imputat tah self. Ix-xhieda Joseph Attard, Joseph Spiteri, Joseph Falzon u anke Carmen Farrugia l-eks siehba tal-imputat, qablu f' dak li qalu li l-modus operandi tal-imputat kien li jsellifhom il-flus u jippretendi li jircievi somma akbar li fiha kien jinkludi imghaxxijiet li gieli kienu jkunu anke ta' mija fil-mija.

Il-Qorti tqis li l-verzjoni tal-imputat mhijiex verosimili u ma rnexxielux jipprova imqar sal-grad tal-probabbli li huwa kien isellef flus fejn l-imghax ma kienx jeccedi dak permess mil-ligi ghal diversi ragunijiet. In kwantu ghal Joseph Attard, is-somma allegata mill-imputat hija ferm elevata. Wiehed kien jistenna li l-imputat, bhala persuna mdorri jsellef fuq l-idejn (kif jidher mid-diversi debituri li huma mnizzla fil-file mghoddi mill-imputat lill-Pulizija), sabiex jissalvagwardja l-interessi tieghu kien jaghmel l-iskrittura li saret quddiem in-Nutar Joseph Debono qabel ma huwa akkwista l-minibus partikolarment ghaliex is-somma ta' €46,000 kienet elevata kif ukoll ghaliex Joseph Attard kien jafu biss ghaliex gieli

kienu jiltaqghu fuq xoghol Paceville u l-imputat kien jirrangalu l-vann. Fix-xhieda tieghu l-imputat ikompli jitfa d-dell fuq il-verzjoni tieghu meta jghid li baqa jislef il-flus lil Joseph Attard anki meta beda jfalli l-pagamenti u minghajr ma jaghti l-ebda garanzija. Dan qieghed jinghad ukoll fl-isfond ukoll tal-qaghda tal-imputat li dak iz-zmien kien ghadu ma hax il-flus tal-iskema tal-karozzi tal-linja, kien ihallas il-kera, ghandu familja xi jmantni u anki tifel autistic. Minkejja li l-imputat jiflah ihallas biss €30 lin-neputi tieghu Simon Cassar minhabba tali pizijiet, iddecieda li jislef ammonti ta' flus sostanzjali minghajr ma inghata l-ebda garanzija. Jirrizultaw ukoll inkonsistenzi bejn dak li xehed l-imputat u dak li xehed Consiglio Abela. Consiglio Abela xehed li Joseph Attard talab lill-imputat is-somma ta' €46,000 quddiemu meta kienu l-appartament tal-imputat. Minn naha l-ohra l-imputat xehed li Joseph Attard talbu s-somma meta kienu Paceville fuq xogholhom. Ghalhekk Consiglio Abela ma kienx prezenti meta saret it-talba.

Illi fir-rigward ta' Joseph Spiteri filwaqt li giet esebita sentenza moghtija fil-kawza fl-ismijiet "Francis Cassar vs Joseph Spiteri" deciza fit-18 ta' Gunju 2018 fejn Joseph Spiteri gie dikjarat debitur ta' Francis Cassar fis-somma ta' €1,000, dik il-Qorti ghazlet li temmen lil Francis Cassar ghaliex strahet fuq ix-xhieda ta' Consiglio Abela li s-€6,000 ghaddew fil-prezenza tieghu. Consiglio Abela xehed f' dawn il-proceduri dwar is-self ta' Joseph Attard izda ma xehed xejn dwar is-self ta' Joseph Spiteri. Fid-dawl tal-inkonsistenza fil-verzjonijiet moghtija mill-imputat u Consiglio Abela dwar is-self ta' Joseph Attard hekk kif gie spjegat aktar 'l fuq, il-Qorti tqis li m' ghandiex tistrieh fuq il-kunsiderazzjonijiet maghmula fis-sentenza moghtija fil-konfront ta' Joseph Spiteri.

In vista tas-suespost senjatament (i) tal-kongruwenza fix-xhieda ta' Joseph Attard, Joseph Spiteri, Joseph Falzon u anke Carmen Farrugia dwar il-modus operandi tal-imputat (ii) ir-relazzjoni bejn l-imputat u Joseph Attard, (iii) il-qaghda finanzjarja u familjari tal-imputat (iv) l-iskrittura ta' Joseph Attard li saret wara li nxtara l-mini bus u (v) l-inkonsistenza fil-verzjonijiet ta' Consiglio Abela u tal-imputat, tqis li jirrizulta pruvat sal-grad rikjest mill-ligi li s-self elevat moghti mill-imputat kien qed jinghata versu korrispettiv oghla minn dak permess mil-ligi.

In kwantu ghat-tieni mputazzjoni, l-Artikolu 251B tal-Kodici Kriminali johloq ir-reat ta' min bl-imgieba tieghu jikkaguna li haddiehor jibza' li ser tintuza vjolenza kontrih jew kontra l-proprjeta' tieghu meta jkun jaf jew imissu jkun jaf li l-imgieba tieghu ser tikkaguna lil xi hadd iehor hekk jibza' kull darba minn dawn l-okkazzjonijiet. Hawnhekk jidhol l-istess kriterju enuncjat fl-Artikolu 251A u cioe' li persuna li l-imgieba taghha tkun dubjuza ("whose course of conduct is in question"), jmissha tkun taf li ser tikkaguna biza' f' haddiehor li ser tintuza vjolenza kontrih f' xi okkazzjoni jekk persuna ragjonevoli li jkollha l-istess informazzjoni kieku tahseb li dik l-imgieba tkun ser tikkaguna biza' fil-persuna l-ohra f' dik l-okkazzjoni. Dan ifisser li hawn it-test hu wiehed oggettiv tar-reasonable man.

Joseph Attard xehed li l-imputat kien ibezzghu ghaliex kien imur quddiem ir-residenza tieghu u darba minnhom anke mar ghand il-genituri tieghu fejn kien hemm bintu ta' sitt snin. Meta fit-23 ta' Gunju 2014 intalbet l-assistenza mill-Pulizija, PC 367 Michael Sacco sab lill-imputat quddiem ir-residenza tal-koppja Attard li kienu jinsabu fir-

residenza taghhom. Huma kkonfermaw li kienu debituri tal-imputat li kien qieghed hemm biex jigbor flusu. Fransina Attard xehdet li meta l-imputat kien ikun irrabjat u kien joqghod jghajjat wara l-bieb taghhom tant li kienu jibzghu jifthu l-bieb. Minkejja li hi kienet tkun imbezzgha l-imputat qatt ma heddidha jew hebb ghaliha. Bl-agir tieghu l-imputat kien ibezzgha kemm lil Joseph u Fransina Attard tant li Fransina Attard kienet tibza tiftah il-bieb tar-residenza taghha. Din il-Qorti jidrilha ghalhekk li dan l-agir jinkwadra ruhhu fir-reat kontemplat taht dan l-artikolu in dizamina u ghalhekk l-imputat ser jinstab hati anki tat-tieni imputazzjoni.

In kwantu ghat-tielet imputazzjoni l-Qorti jidrilha li ma tistghax tinstab htija fil-konfronti tal-imputat stante li ma giex pruvat jekk il-flick knife in dizamina kinitx tal-imputat jew ta' Carmen Farrugia jew dwar jekk l-imputat kellux licenzja jew permess mill-Kummissarju sabiex igorr il-flick knife.

Permezz tar-raba' imputazzjoni l-imputat jinsab akkuzat talli minghajr licenzja mahruga mill-Awtorita' kompetenti ghamel kummerc ta' istituzzjoni finanzjarja f' Malta u cjoe sellef flus lil diversi nies bi ksur tal-Kapitolu 376. Daniel Attard in rapprezentanza tal-Malta Financial Services Authority kkonferma li l-imputat m' ghandu l-ebda licenzja sabiex jopera istituzzjoni finanzjarja. Fundamentali ghar-rezoluzzjoni tal-kaz in ezami hija d-definizzjoni tat-terminu "istituzzjoni finanzjarja". L-artikolu 2 tal-Kapitolu 376 jipprovdi:

> "istituzzjoni finanzjarja" tfisser kull persuna li b'mod regolari jew abitwali tidħol biex twettaq xi attività elenkata fl-Ewwel Skeda akkont u għar-riskju tal-persuna li tkun qiegħda twettaq dik l-attività u li jkollha liċenzja jew tkun reġistrata taħt dan l-Att

L-ewwel skeda tinkludi fiha l-attivita' ta' self. Mill-provi prodotti jirrizulta ampjament pruvat li l-imputat sellef ammonti ta' flus lil terzi f' aktar minn okkazzjoni wahda u b' certa frekwenza. Inoltre tali persuni ma kinux familjari tieghu. Ghalhekk l-imputat ser jinstab ukoll hati ta' din l-imputazzjoni.

In kwantu ghas-sitt imputazzjoni, l-imputat kellu fil-pussess tieghu il-karta tal-identita ta' Joseph Falzon minkejja li l-artikolu 22 (1) tal-Kapitolu 258 jaghmilha cara li l-ebda persuna m' ghandu jkollha fil-pussess taghha dokument tal-identita ta' haddiehor sakemm ma tkunx l-agent tal-persuna. L-imputat ma pruvax li huwa kien agent ta' Joseph Falzon.

Fir-rigward tal-addebitu tar-recidiva din ma tistghax tirrizulta stante li ma gewx esebiti is-sentenzi relattivi moghtija fil-konfront tal-imputat. Ghall-finijiet ta' konsiderazzjonijiet dwar piena ghalhekk l-imputat mhux ser jitqies bhala recidiv u anki minhabba c-cirkostanzi familjari tieghu ser jigi applikat l-Artikolu 28A tal-Kodici Kriminali flimkien ma' piena pekunjarja.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 17, 18, 31, 298C, 251B u 222(1), tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Artikolu 3 tal-Kap. 376 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Artikolu 22 tal-Kapitolu 258 tal-Ligijiet ta' Malta l-

Qorti ssib lill-imputat hati tal-ewwel (1), tat-tieni (2), tar-raba' (4) u tas-sitt (6) imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu u tikkundannah tmintax -il xahar prigunerija li b'applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kodici Kriminali qed jigu sospizi ghall-perjodu ta' sentejn (2) millum u multa ta' ghaxart elef Ewro (€10,000). Il-Qorti tiddikjara lill-imputat mhux hati tat-tielet (3) u tal-hames (5) imputazzjoni migjuba fil-konfronti tieghu u konsegwentement tilliberah minnhom.

B' applikazzjoni tal-Artikolu 412C tal-Kodici Kriminali l-Qorti tordna l-hrug ta' Ordni ta' Protezzjoni ghall-perjodu ta' sentejn (2) millum fejn il-persuni protetti huma Joseph Attard u Fransina Attard.

**Magistrat**

Graziella Abela

Deputat Registratur